# SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (It-Tmien Awla)

2 ta' Diċembru 2010 *

Fil-Kawżi magħquda C-422/09, C-425/09 u C-426/09,

li għandhom bħala suġġett talbiet għal deċiżjoni preliminari skont l-Artikolu 234 KE, imressqa mis-Symvoulio tis Epikrateias (il-Greċja), permezz ta' deċiżjonijiet tat-12 ta' Mejju 2009, li waslu fil-Qorti tal-Ġustizzja fit-28 ta' Ottubru 2009, fil-proċeduri

**Vassiliki Stylianou V. S. Vandorou** (C-422/09),

**Vassilios Alexandrou V. A. Giankoulis** (C-425/09),

**Ioannis Georgiou I. G. Askoxilakis** (C-426/09)

vs

**Ypourgos Ethnikis Paideias kai Thriskevmaton,**

* Lingwa tal-kawża: il-Grieg.

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (It-Tmien Awla),

komposta minn K. Schiemann (Relatur), President tal-Awla, L. Bay Larsen u C. Toader, Imħallfin,

Avukat Ġenerali: P. Mengozzi,
Reġistratur: K. Malacek, Amministratur,

wara li rat il-proċedura bil-miktub u wara s-seduta tat-23 ta' Settembru 2010,

wara li kkunsidrat l-osservazzjonijiet ippreżentati:

— għall-Gvern Grieg, minn E. Skandalou, bħala aġent,

— għall-Kummissjoni Ewropea, minn G. Zavvos u H. Støvlbæk, bħala aġenti,

wara li rat id-deċiżjoni, meħuda wara li nstema' l-Avukat Ġenerali, li l-kawża tinqata' mingħajr konklużjonijiet,

tagħti l-preżenti

## Sentenza

1 It-talbiet għal deċiżjoni preliminari jirrigwardaw l-interpretazjoni tal-Artikoli 1(e) u 4(1)(b) tad-Direttiva tal-Kunsill 89/48/KEE, tal-21 ta' Diċembru 1988, dwar sistema ġenerali għar-rikonoxximent ta' diplomi ta' edukazzjoni ogħla mogħtija mal-kompletar tal-edukazzjoni u t-taħriġ professjonali ta' mill-inqas tliet snin (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 1, p. 337), kif emendata bid-Direttiva 2001/19/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-14 ta' Mejju 2001 (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 4, p. 138, iktar 'il quddiem id-"Direttiva 89/48").

2 Dawn it-talbiet tresqu fil-kuntest tal-kawżi bejn V. S. Vandorou, V. A. Giankoulis u I. G. Askoxilakis u l-Ypourgos Ethnikis Paideias kai Thriskevmaton (Ministru għall-Edukazzjoni Nazzjonali u l-Affarijiet Reliġjużi) dwar ċerti deċiżjonijiet tas-Symvoulio Anagnorisis Epangelmatikis Isotimias Titlon Tritovathmias Ekpaidefsis (Kunsill inkarigat bir-rikonoxximent tal-ekwivalenza professjonali tal-kwalifiki ta' studji ogħla (iktar 'il quddiem is-"Saeitte"). Permezz ta' dawn id-deċiżjonjiet, is-Saeitte ssuġġetta d-dritt tar-rikorrenti fil-kawża prinċipali li jipprattikaw il-professjoni tagħhom fil-Greċja, li huma jistgħu jipprattikaw fi Stati Membri oħrajn, għal miżuri ta' kumpensIl-kuntest ġuridiku.

## Il-kuntest ġuridiku

*Il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni*

3 Mit-tielet u r-raba' premessa tad-Direttiva 89/48 jirriżulta li din għandha l-għan li timplementa sistema ġenerali għar-rikonoxximent ta' diplomi intiżi sabiex jiffaċilitaw il-prattika, min-naħa taċ-ċittadini Ewropej, tal-attivitajiet professjonali kollha li, fi Stat Membru ospitanti, jiddependu fuq il-pussess ta' taħriġ postsekondarju, sakemm dawn ikollhom dawk id-diplomi li jippreparawhom għal dawk l-attivitajiet, mogħtija mat-tmiem ta' kors ta' studji li jdum mill-inqas tliet snin u maħruġa fi Stat Membru ieħor.

4 L-Artikolu 1 tad-Direttiva 89/48 jipprovdi li:

"Għall-iskopijiet ta' din id-Direttiva id-definizzjonijiet li ġejjin għandhom japplikaw:

(a) diploma: kull diploma, ċertifikat jew prova oħra ta' kwalifiki formali jew kull sett ta' dawn id-diplomi, ċertifikati jew provi oħrajn:

— li ngħatat minn awtorità kompetenti fi Stat Membru, maħtur skond il-liġijiet, ir-regolamenti jew id-disposizzjonijiet amministrattivi proprji;

— li juri li l-possessur temm b'suċċess kors post-sekondarju ta' tul ta' mill-anqas tliet snin, jew ta' tul ekwivalenti part-time, f'università jew stabbiliment ta' edukazzjoni għolja jew stabbiliment ieħor ta' livell ekwivalenti, fejn xieraq, li hu temm b'suċċess it-taħriġ professjonali barra l-kors post-sekondarju, u

— li turi li t-titolari jkollu l-kwalifiki professjonali meħtieġa għall-bidu jew it-twettiq ta' professjoni regolata f'dak l-Istat Membru,

sakemm l-edukazzjoni u t-taħriġ ivverifikati mid-diploma, iċ-ċertifikat jew provi oħrajn ta' kwalifiki formali jkunu ġew irċevuti prinċipalment fil-Komunità, jew it-titolari tagħhom ikollu tliet snin esperjenza professjonali iċċertifikata mill-Istat Membru li rrikonoxxa diploma, ċertifikat jew prova oħra ta' kwalifiki formali ta' pajjiż terz.

[...]

[...]

(ċ) professjoni regolata: l-attività professjonali regolata jew sensiela ta' attivitajiet li jikkostitwixxu din il-professjoni fi Stat Membru;

(d) attività professjonali regolata: attività professjonali, sa fejn il-bidu jew it-twettiq ta' din l-attività jew waħda mill-modi tat-twettiq tagħha fi Stat Membru hija soġġetta, direttament jew indirettament permezz ta' liġijiet, regolamenti jew dispożizzjonijiet amministrattivi, għall-pussess ta' diploma. Dan li ġej, b'mod partikolari għandu jikkostitwixxi mod tat-twettiq ta' attività professjonali regolata:

— it-twettiq ta' attività taħt titolu professjonali, sa fejn l-użu ta' dan it-titolu huwa riservat għat-titolari ta' diploma rregolata b'liġijiet, regolamenti jew dispożizzjonijiet amministrattivi,

— it-twettiq ta' attività professjonali li tirrigwarda s-saħħa, sa fejn ir-remunerazzjoni u/jew ir-rimbors għal din l-attività jkunu soġġetti minħabba l-arranġamenti nazzjonali tas-sigurtà soċjali għall-pussess ta' diploma.

[...]

(e) esperjenza professjonali: it-twettiq fil-fatt u skond il-liġi tal-professjoni kkonċernata fi Stat Membru;

(f) perjodu ta' addattament: it-twettiq ta' professjoni regolata fl-Istat Membru ospitanti taħt ir-responsabbiltà ta' membru kwalifikat ta' dik il-professjoni, u dan il-perjodu ta' prattika sorveljata jkun possibilment akkompanjat b'taħriġ ulterjuri. Dan il-perjodu ta' prattika sorveljata għandu jkun is-suġġett ta' stima. [...]

(g) aptitude test: test limitat għat-tagħrif [konoxxenza] professjonali ta' l-applikant, magħmul mill-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istat Membru ospitanti bl-iskop li tiġi stmata l-abilità ta' l-applikant li jwettaq professjoni regolata f'dak l-Istat Membru.

Sabiex jiġi permess li dan it-test jitwettaq, l-awtoritajiet kompetenti għandhom ifasslu lista ta' suġġetti li, abbażi ta' paragun ta' l-edukazzjoni u t-taħriġ meħtieġa fl-Istat Membru u dak irċevut mill-applikant, mhumiex koperti mid-diploma jew prova oħra ta' kwalifiki formali posseduti mill-applikant.

L-aptitude test għandu jieħu kont tal-fatt li l-applikant huwa professjonist kwalifikat fl-Istat Membru ta' l-oriġini jew fl-Istat Membru minn fejn ikun ġej. Għandu jkopri suġġetti li għandhom jintagħżlu minn dawk fuq il-lista, li t-tagħrif tagħhom huwa essenzjali sabiex ikun possibli li wieħed jeżerċita l-professjoni fl-Istat Membru ospitanti. It-test jista' wkoll jinkludi t-tagħrif tar-regoli professjonali applikabbli għall-attivitajiet inkwistjoni fl-Istat Membru ospitanti. L-applikazzjoni dettaljata ta' l-aptitude test għandha tiġi determinata mill-awtoritajiet kompetenti ta' dak l-Istat b'konsiderazzjoni xierqa għar-regoli tal-liġi Komunitarja.

[...]"

5 Skont l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 2 tad-Direttiva 89/48, din tapplika għal kull ċittadin ta' Stat Membru li jixtieq jipprattika professjoni rregolata fi Stat Membru ospitanti bħala persuna li taħdem għal rasha jew bħala persuna impjegata.

6 Il-punt (a) tal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 3 tad-Direttiva 89/48 jipprovdi li:

"Meta, fi Stat Membru ospitanti, il-bidu jew it-twettiq ta' professjoni regolata huwa soġġett għall-pussess ta' diploma, l-awtorità kompetenti ma tistax, fuq il-bażi ta' kwalifiki inadegwati, tirrifjuta li tawtorizza ċittadin ta' Stat Membru milli jibda jew iwettaq dik il-professjoni bl-istess kondizzjonijiet li japplikaw għaċ-ċittadini proprji stess:

(a) jekk l-applikant għandu d-diploma meħtieġa fi Stat Membru ieħor għall-bidu jew it-twettiq tal-professjoni inkwistjoni fit-territorju tiegħu, u din id-diploma tkun ingħatat fi Stat Membru; [...]"

7 Skont l-Artikolu 4 tad-Direttiva 89/48:

"1. Minkejja l-Artikolu 3, l-Istat Membru ospitanti jista' wkoll jitlob lill-applikant:

(a) jipprovdi prova ta' esperjenza professjonali, meta d-dewmien ta' l-edukazzjoni u t-taħriġ meħud bħala sostenn għal din l-applikazzjoni, kif stabbilit fl-Artikolu 3 (a) u (b), huwa mill-anqas sena inqas minn dak meħtieġ fl-Istat Membru ospitanti. [...]

[...]

(b) jikkompleta perjodu ta' addattament li ma jaqbiżx it-tliet snin jew jieħu aptitude test:

— meta l-kwistjonijiet koperti bl-edukazzjoni u t-taħriġ li huwa rċieva kif stabbilit fl-Artikolu 3(a) u (b), jvarjaw sostanzjalment minn dawk koperti mid-diploma meħtieġa fl-Istat Membru ospitanti, jew

[...]

Jekk l-Istat Membru ospitanti għandu l-intenzjoni li jitlob li l-applikant iwettaq perjodu ta' adattament jew jagħmel test għall-kapaċità, dan irid l-ewwel jeżamina jekk l-għarfien miksub mill-applikant matul l-esperjenza professjonali tiegħu hux tali li jkopri kompletament jew parzjalment id-differenza sostanzjali li hemm referenza għaliha fl-ewwel subparagrafu.

Jekk l-Istat Membru ospitanti juża din il-possibiltà, dan għandu jagħti lill-applikant id-dritt li jagħżel bejn il-perjodu ta' addattament jew aptitude test. B'deroga minn dan il-prinċipju, għall-professjonijiet li l-prattika tagħhom titlob tagħrif [konoxxenza] preċiż[a] tal-liġi nazzjonali u li fir-rigward tagħhom il-provvista ta' pariri u/jew assistenza li tikkonċerna l-liġi nazzjonali hija aspett essenzjali u kostanti ta' l-attività professjonali, l-Istat Membru ospitanti jista' jistipula jew perjodu ta' addattament jew aptitude test. [...]

2. Madanakollu, l-Istat Membru ospitanti ma jistax japplika d-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 1 (a) u (b) kumulattivament."

*Il-leġiżlazzjoni nazzjonali*

Il-miżuri intiżi sabiex jittrasponu d-Direttiva 89/48 fid-dritt nazzjonali

8 Id-Digriet Presidenzjali 165/2000, tat-23 ta' Ġunju 2000 (FEK A'149/28.6.2000), kif emendat bid-Digrieti Presidenzjali 373/2001, tat-22 ta' Ottubru 2001 (FEK A' 251) u 385/2002, tat-23 ta' Diċembru 2002 (FEK A' 334, iktar 'il quddiem id-"Digriet 165/2000"), huwa intiż għat-traspożizzjoni tad-Direttiva 89/48 fis-sistema legali Ellenika.

9 Għaldaqstant, l-Artikoli 2(5) u (7), 3, 4(1)(a) u 5 tad-Digriet 165/2000 jirripproduċu l-Artikolu 1(e) u (g), l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 2, il-punt (a) tal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 3 u l-Artikolu 4 tad-Direttiva 89/48, kif iċċitati iktar 'il fuq, rispettivament.

10 Barra minn hekk, l-Artikolu 10 tad-Digriet 165/2000 jipprovdi għall-ħolqien tas-Saeitte bħala korp kolleġġjali fi ħdan il-Ministeru għall-Edukazzjoni u Affarijiet Reliġjużi li, skont l-Artikolu 11 ta' dan l-istess digriet, ingħata l-missjoni li jiddeċiedi dwar applikazzjonijiet għal rikonoxximent ta' diplomi ta' edukazzjoni ogħla li jidħlu fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 89/48.

Il-professjonijiet ta' inġinier mekkaniku u ta' inġinier tat-telekomunikazzjoni

11 Fil-Greċja, il-professjonijiet ta' inġinier mekkaniku u ta' inġinier tat-telekomunikazzjonijet huma professjonijiet irregolati li jistgħu jiġu pprattikati biss minn membri tat-Techniko Epimelitirio tis Elladas (Bord Tekniku tal-Greċja, iktar 'il quddiem it-"TEE").

12 Id-Digriet Presidenzjali, tas-27 ta' Novembru u tal-14 ta' Diċembru 1926, li jikkodifika d-dispożizzjonijiet u t-testi relatati mal-kompożizzjoni tat-TEE (FEK A' 430), kif emendat bil-Liġi 1486/1984 (FEK A'161) u mid-Digriet Presidenzjali 512/1991, tat-30 ta' Novembru u tat-12 ta' Diċembru 1991 (FEK A'190, iktar 'il quddiem id-"Digriet TEE"), jipprovdi fl-Artikolu 2(1) tiegħu, li ċ-ċittadini tal-Istati Membri għandhom jiġu rreġistrati bħala membri tat-TEE "malli jiggradwaw mill-iskola nazzjonali politeknika ta' Metsovo, minn skejjel politekniċi tal-pajjiż jew minn skejjel barranin ekwivalenti, wara li jingħataw l-awtorizzazzjoni sabiex tiġi pprattikata l-professjoni".

13 Il-professjonisti huma kklassifikati f'disa' speċjalitajiet elenkati fl-Artikolu 2(5) ta' dan id-digriet, fosthom l-ispeċjalità ta' inġinier mekkaniku, iżda mhux dik ta' inġinier tat-telekomunikazzjoni.

14 Skont l-Arikolu 2(6) tad-Digriet TEE, l-ispeċjalitajiet li ma jinsabux fost dawk iddefiniti fl-Artikolu 2(5) ta' dan id-digriet, għandhom jiġu kklassifikati fl-eqreb speċjalità. Indipendentement minn dan, il-membru tat-TEE li jkun ġie rreġistrat b'dan il-mod jibbenefika mid-drittijiet professjonali marbuta mal-ispeċjalità jew sempliċement mal-ispeċjalizzazzjoni msemmija fl-awtorizzazzjoni tiegħu sabiex tiġi pprattikata l-professjoni, kif inhuma stabbiliti mil-leġiżlazzjoni fis-seħħ.

15 L-Artikolu 4(3) tad-Digriet TEE jipprovdi, b'mod partikolari, li t-TEE jorganizza l-eżamijiet, joħroġ l-awtorizzazzjoni sabiex tiġi pprattikata l-professjoni ta' inġinier skont id-dispożizzjonijiet fis-seħħ u jżomm ir-reġistri tal-inġiniera.

16 F'dan il-kuntest, l-Artikoli 1 u 4 tal-Liġi 1225/1981, tat-30 u 31 ta' Diċembru 1981 (FEK B' 713) jagħtu lit-TEE il-kompetenza li jagħti l-awtorizzazzjoni sabiex tiġi pprattikata din l-professjoni fil-Greċja lill-inġiniera ggradwati minn istituzzjonijiet

ta' edukazzjoni Griegi kif ukoll minn istituzzjonijiet ekwivalenti ta' edukazzjoni ogħla. Skont l-Artikolu 1(3) ta' din il-liġi, dan japplika wkoll għall-każ ta' inġiniera ggradwati minn istituzzjonijiet ta' edukazzjoni ogħla li jinsabu barra mill-pajjiż li joffru l-ispeċjalizzazzjonijiet li ma jikkorrispondux għal dawk ta' inġieniera ggradwati minn istituzzjoni ta' edukazzjoni ogħla nazzjonali.

17 Abbażi tal-liġi Nru 1225/1981, Digriet Interministerjali ED 5/4/339, tal-14 ta' Settembru u tal-5 ta' Ottubru 1984, adottat mill-Ministru tax-Xogħolijiet Pubbliċi u l-Ministru għall-Edukazzjoni Nazzjonali u l-Affarijiet Reliġjużi, iddefinixxa l-proċedura għall-għoti, mit-TEE, tal-awtorizzazzjoni sabiex tiġi pprattikata l-professjoni ta' inġinier.

**Il-kawżi prinċipali u d-domandi preliminari**

*Kawża C-422/09 (V. S. Vandorou)*

18 Wara li għamlet korsijiet u eżamijiet ta' speċjalizzazzjoni wara l-lawrija mal-London Guildhall University (Università ta' London Guildhall) (ir-Renju Unit), matul il-perijodu minn Settembru 1994 sa Frar 1997, V. S. Vandorou kisbet it-titolu ta' "Master of Business Administration". Matul l-istudji tagħha, hija kienet ħadmet fir-Renju Unit, b'mod partikolari, fi ħdan il-kumpannija Elf Oil Ltd (iktar 'il quddiem "Elf Oil").

19 Fil-15 ta' Awwissu 1997, V.S. Vandorou rreġistrat mal-Association of Chartered Certified Accountants (Kamra tal-Kontabilisti bil-privileġġ tar-Renju Unit, iktar 'il quddiem l-"ACCA"). Wara li għaddiet minn serje ta' eżamijiet u wara li għamlet

il-perijodu ta' prattika bi prova meħtieġ u approvat fis-settur tal-kontabbiltà/tal-verifika, hija saret uffiċjalment membru ta' din l-organizzazzjoni professjonali fis-17 ta' April 2000 u kisbet it-titolu ta' "Chartered Certified Accountant" (awditur/kontabilista bil-privileġġ). Bejn dawn iż-żewġ dati, V.S. Vandorou ħadmet fil-Greċja fi ħdan il-kumpannija ta' verifika b'responsabbiltà limitata Pricewaterhouse Coopers (iktar 'il quddiem "Pricewaterhouse Coopers").

20 Fl-10 ta' April 2002, V.S. Vandorou ressqet applikazzjoni mas-Saeitte sabiex jiġi rikonoxxut id-dritt tagħha li tipprattika l-professjoni ta' kontabilista fiskali fil-Greċja.

21 Hija pprovdiet ċertifikati li kienu jikkonfermaw li kellha d-dritt tipprattika l-professjoni ta' "Chartered Certified Accountant" fir-Renju Unit u li kienu jiddeskrivu l-attivitajiet inklużi f'din il-professjoni. Barra minn hekk, hija rreferiet għall-esperjenza professjonali miksuba fi ħdan Elf Oil u Pricewaterhouse Coopers u pprovdiet ċertifikati, maħruġa minn dawn il-kumpanniji, bħala prova ta' dan.

22 Permezz ta' Att Nru 80, tat-23 ta' Marzu 2004 (iktar 'il quddiem l-"ewwel att ikkontestat" is-Saeitte ikkonstata, l-ewwel nett, li l-professjoni ta' kontabilista kienet professjoni rregolata kemm fil-Greċja kif ukoll fir-Renju Unit u li V.S. Vandorou, fil-kwalità tad-detentur tat-titolu professjonali ta' "Chartered Certified Accountant", mogħti mill-ACCA, organizzazzjoni professjonali fir-Renju Unit, kellha titqies bħala detentur ta' diploma fil-kontabbiltà skont id-Direttiva 89/48 u d-Digriet 165/2000. Sussegwentement, is-Saeitte qies li kien meħtieġ li V.S. Vandorou tkun suġġetta għal miżuri ta' kumpens "minħabba differenzi sostanzjali fil-kors li għamlet meta mqabbel mat-taħrig tal-kontabilisti fil-Greċja". Għaldaqstant, huwa ddeċieda li jlaqqa' kumitat bi tliet membri sabiex jippreċiża l-kontenut tal-miżuri msemmija iktar 'il fuq, li kellhom jiġu imposti fuq ir-rikorrenti.

23 Sussegwentement, fuq il-bażi tad-deċiżjoni ta' dan il-kumitat bi tliet membri, is-Saeitte impona fuq V. S. Vandorou, permezz ta' Att Nru 89 tal-25 ta' Ottubru 2004 (iktar 'il quddiem it-"tieni att ikkontestat"), bħala miżura ta' kumpens sabiex jiġi rikonoxxut lilha d-dritt li tipprattika l-professjoni ta' kontabilista fiskali fil-Greċja, li tkun suġġetta għal aptitude test fid-dritt nazzjonali u, b'mod paritkolari, fid-dritt tal-kumpanniji, fid-dritt kummerċjali, fid-dritt tax-xogħol u fid-dritt fiskali peress li sabiex tiġi pprattikata l-professjoni ta' kontabilista fiskali kienet meħtieġa konoxxenza preċiża tar-regoli tad-dritt nazzjonali. Billi bbaża ruħu fuq l-Artikolu 5 tad-Digriet 165/2000, intiż sabiex jittrasponi t-tielet paragrafu tal-Artikolu 4(1)(b) tad-Direttiva 89/48, is-Saeitte ippreċiża, barra minn hekk, li V. S. Vandorou ma setgħatx tagħżel bejn aptitude test jew perijodu ta' adattament peress li l-professjoni ta' kontabilista fiskali kienet professjoni "li l-prattika tagħh[a] titlob tagħrif [konoxxenza] preċiż[a] tal-liġi nazzjonali u li fir-rigward tagħhom il-provvista ta' pariri u/jew assistenza li tikkonċerna l-liġi nazzjonali hija aspett essenzjali u kostanti ta' l-attività professjonali".

24 Fl-aħħar nett, is-Saeitte qies li l-esperjenza professjonali li V. S. Vandorou kienet kisbet fil-Greċja mix-xogħol tagħha mal-Pricewaterhouse Coopers ma setgħetx tittieħed inkunsiderazzjoni. Fil-fatt, il-kundizzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 2(5) tad-Digriet 165/2000 li, b'rifless tal-Artikolu 1(e) tad-Direttiva 89/48, jiddefinixxi l-kelmiet "esperjenza professjonali" bħala t-"twettiq fil-fatt u skond il-liġi tal-professjoni kkonċernata fi Stat Membru", ma humiex sodisfatti peress li V. S. Vandorou ma kellhiex awtorizzazzjoni sabiex tipprattika l-professjoni ta' kontabilista fil-Greċja matul il-perijodu li fih kisbet l-esperjenza inkwistjoni.

25 Sussegwentement, V. S. Vandorou ppreżentat żewġ rikorsi quddiem is-Symvoulio tis Epikrateias kontra l-ewwel u t-tieni att ikkonstestat, rispettivament.

26 Fir-rigward tar-rikors kontra l-ewwel att ikkontestat, is-Symvoulio tis Epikrateias tqis li dan l-att għandu jiġi annullat peress li ma huwiex suffiċjentement immotivat sa fejn jimponi fuq V. S. Vandorou sabiex tissottometti ruħha għal miżuri ta' kumpens.

Fil-fatt, is-Saeitte sempliċement irrefera, b'mod ġenerali u vag, għal "differenzi sostanzjali fil-kors li għamlet", filwaqt li huwa kellu l-obbligu jirreferi, b'mod speċifiku u preċiż, għas-suġġetti koperti mit-taħriġ ta' V. S. Vandorou u għas-suġġetti koperti mid-diploma Griega korripsondenti, li jidentifika d-differenzi eżistenti bejn dawn is-suġġetti u li jifformula evalwazzjoni kompleta u mmotivata speċifikament dwar in-natura sostanzjali tad-differenzi inkwistjoni.

27 Fir-rigward tar-rikors kontra t-tieni att ikkontestat, il-qorti tar-rinviju tikkonstata li l-validità ta' dan hija suġġetta għall-validità tal-ewwel att ikkontestat u li, għaldaqstant, l-annullament tal-ewwel att għandu jwassal għall-annullament tat-tieni wieħed.

28 Madankollu, is-Symvoulio tis Epikrateias tqis li, f'dan il-kuntest, għandu jiġi eżaminat ukoll il-motiv għall-annullament li jgħid li l-motivazzjoni tat-tieni att hija vvizzjata bi żbaliji ta' liġi inkwantu, permezz ta' dan l-att, is-Saeitte qies li matul l-eżami tal-kwistjoni jekk V. S. Vandorou kellhiex tiġi suġġetta għal miżuri ta' kumpens, ma kellhiex tittieħed inkunsiderazzjoni l-esperjenza professjonali li hija kienet kisbet fil-Greċja. Fil-fehma tal-qorti tar-rinviju, l-eżami ta' dan il-motiv huwa neċessarju sabiex, billi jiġu identifikati l-kwistjonijiet li l-awtorità nazzjonali kompetenti għandha tinvestiga wara l-annullament tal-atti kkontestati, l-obbligi ta' din tal-aħħar ikunu ddeterminati b'mod preċiż fil-mument meta din ser ikollha tikkonforma mas-sentenza ta' annullament u tagħti lil V. S. Vandorou — fid-dawl ukoll tal-prinċipju ta' ekonomija tal-ġudizzju — protezzjoni ġudizzjarja sħiħa u effettiva.

29 F'dawn iċ-ċirkustanzi, is-Symvoulio tis Epikrateias iddeċiediet li tissospendi l-proċeduri u tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domanda preliminari li ġejja:

"Skont l-Artikolu 4(1)(b) tad-Direttiva 89/48 [...], b''esperjenza professjonali,' li tittieħdet inkunsiderazzjoni mill-awtorità nazzjonali kompetenti sabiex tevalwa

jekk il-kompetenzi [konoxxenzi] miksuba mill-persuna kkonċernata permezz ta' tali esperjenza jistgħux ikopru, kompletament jew parzjalment, id-differenza sostanzjali li teżisti bejn is-suġġetti li kien ibbażat fuqhom it-taħriġ tal-persuna kkonċernata fl-Istat Membru ta' oriġni u s-suġġetti li jaqgħu taħt id-diploma mitluba mill-Istat Membru ospitanti, għandha tinftiehem li hija wkoll esperjenza li għandha l-karatteristiċi li ġejjin:

a) tkun inkisbet mill-persuna kkonċernata wara li din tkun kisbet diploma li tiggarantilha l-aċċess għal professjoni partikolari rregolamentata mill-Istat Membru ta' oriġini;

b) tkun inkisbet bil-prattika fl-Istat Membru ospitanti ta' attività professjonali li, minkejja li ma taqbilx mal-professjoni regolamentata, li l-persuna kkonċernata (li barra minn hekk ma tistax tipprattika legalment tali professjoni fl-Istat Membru ospitanti qabel ma tintlaqa' t-talba li hija s-suġġett ta' din id-domanda) ressqet talba għad-dritt sabiex tipprattika abbażi tad-Direttiva 89/48 [...] fl-Istat Membru ospitanti, imma li hija madankollu, skont l-evalwazzjoni tal-mertu li ssir mill-awtorità nazzjonali kompetenti għad-deċiżjoni dwar it-talba, attività professjonali li tidher relatata ma' tali professjoni regolamentata, u

c) skont evalwazzjoni tal-mertu mill-imsemmija awtorità nazzjonali hija kkunsidrata kapaċi, minħabba r-rabta msemmija iktar 'il fuq, tkopri, tal-anqas parzjalment, id-differenzi sostanzjali bejn is-suġġetti li tkun tgħallmet il-persuna kkonċernata matul it-taħriġ tagħha fl-Istat Membru ta' oriġni u s-suġġetti li jaqgħu taħt id-diploma tal-Istat Membru ospitanti?"

*Kawża C-425/09 (V. A. Giankoulis)*

30 V. A. Giankoulis għandu diploma mid-Dipartiment tal-Inġinerija tal-Iskola tal-Applikazjonijiet Tekniċi tat-Technologiko Ekpaideftiko Idryma de Kavala (il-Greċja) kif ukoll titolu ta' studji ta' speċjalizzazzjoni wara l-lawrija "Master of Science" mill-Istitut tat-Teknoloġija ta' Cranfield (ir-Renju Unit) fil-qasam tal-mekkanika tas-sistemi ta' produzzjoni.

31 Fis-17 ta' April 1996, V.A. Giankoulis ġie impjegat mal-kumpannija Elliniki Viomichania Alouminiou AE (iktar 'il quddiem "Elliniki Viomichania Alouminiou". Huwa kien jaħdem fid-Dipartiment tal-Funderija bħala assistent inġinier tal-manutenzjoni sal-31 ta' Diċembru 1997 u bħala kap tal-manutenzjoni mekkanika tal-funderija sal-31 ta' Diċembru 2000.

32 Mit-12 ta' Lulju 2000, V.A. Giankoulis sar membru tal-Institution of mechanical engineers (Istitut tal-Inġiniera tal-Mekkanika tar-Renju Unit). Skont ċertifikat, tat-8 ta' Novembru 2000, maħruġ minn dan l-istitut, huwa għandu d-dritt li juża t-titolu ta' "Chartered Engineer". Ir-reġistrazzjoni tiegħu fir-reġistru taċ-"Chartered Engineers" saret fid-dawl tal-kwalifiki akkademiċi tiegħu, kif ukoll tal-esperjenza professjonali li kien akkwista fil-Greċja.

33 V. A. Giankoulis ilu jaħdem fi ħdan id-Dipartiment Integrat tal-Funderiji u tal-Ikkastjar Kontinwu ta' Elliniki Viomichania Alouminiou, mill-1 ta' Jannar 2002, bħala assistent inġinier tal-manutenzjoni.

34 Fid-9 ta' Marzu 2001, V. A. Giankoulis ressaq applikazzjoni mas-Saeitte sabiex jiġi rikonoxxut lilu d-dritt li jipprattika l-professjoni ta' inġinier tal-mekkanika fil-Greċja. Apparti d-dokumenti li jikkonfermaw it-taħriġ akkademiku msemmi iktar 'il fuq, huwa pprovda dokument li jirrigwarda l-esperjenza professjonali tiegħu fi ħdan Elliniki Viomichania Alouminiou.

35 Wara diversi laqgħat li wasslu biss għal deċiżjonijiet li l-eżami tal-applikazzjoni jiġi sospiż, is-Saeitte qies, permezz ta' Att Nru 42, tat-8 ta' April 2002 (iktar 'il quddiem it-"tielet att ikkontestat", li t-taħriġ ta' V. A. Giankoulis mat-Technologiko Ekpedevtiko Idrima in Kavala kien sostanzjalment differenti mit-taħriġ korrispondenti offrut mid-dipartimenti politekniċi tal-istabbilimenti ta' tagħlim ogħla fil-Greċja u li l-esperjenza professjonali tiegħu, li hija llimitata għall-Greċja, ma kinitx tirrigwarda l-professjoni ta' inġinier tal-mekkanika. Is-Saeitte qies ukoll li, sabiex jikkumpensa d-differenzi sostanzjali fit-taħriġ, kien meħtieġ li V. A. Giankoulis ikun suġġett għal miżuri ta' kumpens u li jlaqqa' kumitat bi tliet membri sabiex jippreċiża l-kontenut ta' dawn il-miżuri.

36 Il-kumitat ikkostitwit b'dan il-mod issuġġerixxa, fil-minuti tiegħu tat-12 ta' Novembru 2002, li V. A. Giankoulis jiġi suġġett għal eżami jew perijodu ta' prova ta' tliet snin f'erba' suġġetti, sabiex ikopri l-oqsma li jikkostitwixxu l-konoxxenza bażika għal inġinier tal-mekkanika u f'seba' suġġetti oħra sabiex ikopri l-oqsma ta' konoxxenza relatati mal-professjoni ta' inġinier elettriċist.

37 Wara żewġ sospensjonijiet oħra tad-deċiżjoni, is-Saeitte adotta l-Att Nru 87, tal-21 ta' Settembru 2004 (iktar 'il quddiem ir-"raba' att ikkontestat" u ddeċieda li jaċċetta biss ir-rapport tal-kumitat imsemmi iktar 'il fuq, għal dak li jirrigwarda l-miżuri ta' kumpens li huma relatati mal-professjoni ta' inġinier mekkaniku. Għaldaqstant, is-Saeitte impona fuq V. A. Giankoulis, bħala miżuri ta' kumpens, li jagħmel eżami jew li jipprattika għal tliet snin taħt superviżjoni, fis-suġġetti li ġejjin, li jaqggħu fil-qasam

tal-inġinerija tal-mekkanika: "Teknoloġija termika — Magni termiċi — Stallazzjonijiet termiċi — Stallazzjonijiet tat-tkessiħ — Kondizzjonar tal-arja — Stallazzjonijiet għall-irfiegħ — Stallazzjonijiet idrawliċi u stazzjonijiet tal-ippumpjar".

38 Imbagħad, V. A. Giankoulis ippreżenta rikors quddiem is-Symvoulio tis Epikrateias u talab l-annullament, b'mod paritkolari, tat-tielet u r-raba' atti kkontestati.

39 Fir-rigward tat-tielet att ikkontestat is-Symvoulio tis Epikrateias tqis li dan l-att għandu jiġi annullat peress li ma huwiex suffiċjentement immotivat fir-rigward l-impożizzjoni fuq V. A. Giankoulis li jissottometti ruħu għal miżuri ta' kumpens. Fil-fatt, is-Saeitte sempliċement irrefera, b'mod ġenerali u vag, għal differenzi sostanzjali fit-taħriġ ta' V. A. Giankoulis, filwaqt li huwa kellu l-obbligu jirreferi, b'mod speċifiku u preċiż, għas-suġġetti koperti mit-taħriġ ta' V. A. Giankoulis u għas-suġġetti li jikkostitwixxu l-kontenut tal-istudji li, fil-Greċja, iwasslu għall-kisba ta' diploma li tippermetti li jiġu ppratikati, skont il-liġi, l-attivitajiet professjonali ta' inġinier tal-mekkanika li huma rregolati, li jidentifika d-differenzi eżistenti bejn dawn is-suġġetti u li jifformula evalwazzjoni kompleta u mmotivata speċifikament dwar in-natura sostanzjali tad-differenzi inkwistjoni.

40 Fir-rigward tar-raba' att ikkontestat, il-qorti tar-rinviju tikkonstata li l-validità ta' dan hija suġġetta għall-validità tat-tielet att ikkontestat u li, għaldaqstant, l-annullament tat-tielet att għandu jwassal għall-annullament tar-raba' wieħed.

41 Madankollu s-Symvoulio tis Epikrateias hija tal-fehma li, f'dan il-kuntest, għandu jiġi eżaminat ukoll il-motiv għall-annullament li jgħid li l-motivazzjoni tar-raba' att ikkontestat hija vvizzjata bi żbalji ta' liġi inkwantu, billi adotta r-rapport tal-kumitat bi tliet membri, is-Saeitte qies, matul l-impożizzjoni tal-miżuri ta'

kumpens, li l-esperjenza professjonali miksuba mir-rikorrent fil-Greċja ma kellhiex tittieħed inkunsiderazzjoni. Fil-fehma tal-qorti tar-rinviju, l-eżami ta' dan il-motiv huwa neċessarju sabiex, billi jiġu identifikati l-kwistjonijiet li l-awtorità nazzjonali kompetenti għandha tinvestiga wara l-annullament tal-atti kkontestati, l-obbligi ta' din tal-aħħar ikunu ddeterminati b'mod preċiż fil-mument meta din ser ikollha tikkonforma mas-sentenza ta' annullament u tagħti lil V. A. Giankoulis — fid-dawl ukoll tal-prinċipju ta' ekonomija tal-ġudizzju — protezzjoni ġudizzjarja sħiħa u effettiva.

42 Fil-kuntest tal-eżami ta' dan il-motiv, il-qorti tar-rinviju għandha dubji dwar il-kwistjoni ta' jekk l-esperjenza professjonali miksuba minn V. A. Giankoulis wara l-kisba tat-titolu "Chartered Engineer" tikkostitwixxix "esperjenza professjonali" li għandha tittieħed inkunsiderazzjoni matul l-applikazzjoni tal-Artikolu 4(1)(b) tad-Direttiva 89/48.

43 F'dawn iċ-ċirkustanzi, is-Symvoulio tis Epikrateias iddeċidiet li tissospendi l-proċeduri quddiemha u tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domanda preliminari li ġejja:

"L-espressjoni 'esperjenza professjonali' li tidher fl-Artikolu 4(1)(b) tad-Direttiva 89/48 [...], tikkorrispondi mal-espressjoni 'esperjenza professjonali' li d-definizzjoni tagħha tidher fl-Artikolu 1(e) ta' din id-direttiva, u tista' din tinftiehem bħala esperjenza li għandha kumulattivament il-karatteristiċi segwenti:

a) din l-esperjenza inkisbet mill-persuna kkonċernata wara l-kisba tad-diploma li tagħtiha aċċess għal professjoni rregolata speċifika fl-Istat Membru tal-oriġini,

b) din l-esperjenza inkisbet fil-kuntest tal-eżerċizzju ta' din il-professjoni li għaliha l-persuna kkonċernata ppreżentat talba skont id-Direttiva 89/48 [...] (ara l-espressjonijiet 'the profession concerned', 'la profession concernée', 'des betreffenden Berufs' użati fil-verżjoni Ingliża, Franċiża u Ġermaniża rispettivament) u

ċ) l-imsemmija attività professjonali ġiet eżerċitata legalment, jiġifieri skont it-termini u l-kundizzjonijiet tal-leġiżlazzjoni rilevanti tal-Istat Membru fejn twettqet, b'mod li huwa eskluż li tittieħed inkunsiderazzjoni l-esperjenza partikolari miksuba f'din il-professjoni fl-Istat Membru ospitanti qabel ma ntlaqgħet it-talba għaliex, fl-Istat Membru ospitanti, il-professjoni inkwistjoni ma tistax tiġi pprattikata b'mod legali qabel ma tintlaqa' t-talba [mingħajr ħsara, ċertament, għall-applikazzjoni tal-Artikolu 5 tad-direttiva li jippermetti, taħt ċerti kundizzjonijiet — sabiex isir taħriġ professjonali li ma jkunx seħħ fl-Istat Membru tal-oriġini — l-eżerċizzju tal-professjoni fl-Istat Membru li jospita bl-assistenza ta' professjonist ikkwalifikat]?"

*Kawża C-426/09 (I. G. Askoxilakis)*

44 I. G. Askoxilakis għandu diploma fix-xjenzi fiżiċi mill-Fakultà tax-Xjenzi Fiżiċi tal-Università ta' Kreta (il-Greċja) kif ukoll diploma ta' speċjalizzazzjoni wara l-lawrija fl-inġinerija tal-komunikazzjoni mill-Fakultà tal-Inġinerija tal-Elettriku u tal-Informatika tal-Università ta' Munich (il-Ġermanja). Bis-saħħa ta' din tal-aħħar, huwa awtorizzat jipprattika, fil-Ġermanja, attivitajiet professjonali rregolati fil-qasam tal-inġinerija tal-komunikazzjoni.

45 Fil-21 ta' Ottubru 20003, I.G. Askoxilakis ressaq applikazzjoni mas-Saeitte sabiex jiġi rikonoxxut lilu d-dritt li jipprattika l-professjoni ta' inġinier tal-komunikazzjoni

fil-Greċja. Apparti d-dokumenti li jikkonċernaw it-taħriġ akkademiku tiegħu, huwa pprovda ċertifikat mill-Istitut tal-Informatika tal-Istabbiliment għat-Teknoloġija u r-Riċerka (iktar 'il quddiem l-"ITR") li kien jindika li, matul il-perijodu mill-1 ta' Awwissu 2002 sat-28 ta' Frar 2003, kien ħadem fil-programmi ta' riċerka ta' dan l-istitut u, mill-1 ta' Marzu 2003 jaħdem bħala xjenzjat tekniku speċjali, b'mod partikolari, fi ħdan il-laboratorju "telekomunikazzjoni u netwerks". Fuq talba tas-Saeitte, I. G. Askoxilakis ipprovda wkoll it-tieni ċertifikat mill-ITR li kien jiddeskrivi iktar fid-dettall l-għan tax-xogħol tiegħu fi ħdan dan l-istitut.

46 Permezz ta' Att Nru 87, tal-21 ta' Settembru 2004 (iktar 'il quddiem il-"ħames att ikkontestat"), is-Saeitte ddeċieda li jimponi miżuri ta' kumpens fuq I. G. Askoxilakis sabiex ikopri d-differenzi sostanzjali eżistenti bejn it-taħrig li huwa kien ħa u s-suġġetti koperti mit-taħriġ mogħti minn dawn l-iskejjel politekniċi Griegi għall-professjoni ta' inġinier tal-informatika, telekomunikazzjoni u netwerks fil-Greċja. Barra minn hekk, is-Saeitte ddeċieda li jlaqqa' kumitat bi tliet membri sabiex jippreċiża l-kontenut ta' dawn il-miżuri ta' kumpens.

47 Il-kumitat ikkostitwit b'dan il-mod, issuġġerixxa, fir-rapport tiegħu tal-10 ta' Frar 2005, aptitude test jew perijodu ta' adattament ta' tliet snin fis-suġġetti li ġejjin: "A. Disinn taċ-ċirkuwiti diġitali, elettroniċi u analogi; analiżi tan-netwerks. B. Settur tal-kompjuters. Sistemi ta' mikrokompjuters. Sistemi funzjonali ta' kompjuters. Disinn u implementazzjoni ta' lingwi tal-ipprogrammar. Algoriżmu u Kumplessità. Strutturi u Databases. Teknoloġija tas-sofwares. Ċ. Telekomunikazzjoni u Netwerks. Ifformattjar. Identifikazzjoni. Evalwazzjoni u Tixrid tas-Sinjali. Wireless netwerks u Tixrid. Internet u l-applikazzjoni tiegħu."

48 Permezz ta' Att Nru 96, tat-8 ta' Marzu 2005 (iktar 'il quddiem is-"sitt att ikkontestat", is-Saeitte ddeċieda li jsegwi dan ir-rapport u jimponi l-miżuri ta' kumpens, imsemmija iktar 'il fuq, fuq I. G. Askoxilakis mingħajr ma jieħu inkunsiderazzjoni l-esperjenza professjonali miksuba minnu fi ħdan l-ITR.

49 Għaldaqstant, I. G. Askoxilakis ippreżenta rikors, b'mod partikolari, kontra l-ħames u s-sitt atti kkontestati.

50 L-ewwel nett, għal dak li jikkonċerna l-ħames att ikkontestat, is-Symvoulio tis Epikrateias tqis li dan l-att għandu jiġi annullat peress li ma huwiex suffiċjentement immotivat fir-rigward tal-impożizzjoni fuq I. G. Askoxilakis li jissottometti ruħu għal miżuri ta' kumpens. Fil-fatt, is-Saeitte sempliċement irrefera, b'mod ġenerali u vag, għal "differenzi sostanzjali", filwaqt li huwa kellu l-obbligu jirreferi, b'mod speċifiku u preċiż, għas-suġġetti koperti mit-taħriġ ta' I. G. Askoxilakis u għas-suġġetti li jikkostitwixxu l-kontenut tal-istudji, li fil-Greċja, jwasslu għall-kisba ta' diploma li tippermetti li jiġu pprattikati l-attivitajiet professjonali ta' inġinier tat-telekomunikazzjoni, li jidentifika d-differenzi eżistenti bejn dawn is-suġġetti u li jifformula evalwazzjoni kompleta u mmotivata speċifikament dwar in-natura sostanzjali tad-differenzi inkwistjoni.

51 It-tieni nett, fir-rigward tas-sitt att ikkontestat, is-Symvoulio tis Epikrateias tikkonstata li l-validità ta' dan hija suġġetta għall-validità tal-ħames att ikkontestat u li, għaldaqstant, l-annullament tal-ħames att għandu jwassal għall-annullament tas-sitt wieħed.

52 Madankollu s-Symvoulio tis Epikrateias tqis li, f'dan il-kuntest, għandu jiġi eżaminat ukoll il-motiv għall-annullament li jgħid li l-motivazzjoni tas-sitt att ikkontestat hija vvizzjata bi żbalji ta' liġi inkwantu, is-Saeitte ma qiesx l-esperjenza professjonali li wera I. G. Askoxilakis. Fil-fehma tal-qorti tar-rinviju, l-eżami ta' dan il-motiv huwa neċessarju sabiex, billi jiġu identifikati l-kwistjonijiet li l-awtorità nazzjonali kompetenti għandha tinvestiga wara l-annullament tal-atti kkontestati, l-obbligi ta' din tal-aħħar ikunu ddeterminati b'mod preċiż fil-mument meta din ser ikollha tikkonforma mas-sentenza ta' annullament u tagħti lil I. G. Askoxilakis — fid-dawl ukoll tal-prinċipju ta' ekonomija tal-ġudizzju — protezzjoni ġudizzjarja sħiħa u effettiva.

53 Fil-kuntest tal-eżami ta' dan il-motiv, il-qorti tar-rinviju għandha dubji dwar il-kwistjoni ta' jekk ix-xogħol ta' I. G. Askoxilakis fi ħdan l-ITR jikkostitwixxix "esperjenza professjonali" li għandha tittieħed inkunsiderazzjoni matul l-applikazzjoni tal-Artikolu 4(1)(b) tad-Direttiva 89/48.

54 F'dawn iċ-ċirkustanzi, is-Symvoulio tis Epikrateias iddeċidiet li tissospendi l-proċeduri quddiemha u tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domanda preliminari li ġejja:

"Il-frażi 'esperjenza professjonali' li tinsab fl-Artikolu 4(1)(b) tad-Direttiva 89/48 [...] tikkorrispondi għall-frażi 'esperjenza professjonali' kif imfissra fl-Artikolu 1(e) tal-istess direttiva, u għandha tinftiehem li tinkludi esperjenza li għandha, b'mod kumulattiv, il-karatteristiċi li ġejjin:

a) din l-esperjenza nkisbet mill-persuna kkonċernata wara li ngħatat diploma li tagħtiha aċċess għal professjoni regolata speċifika fl-Istat Membru tal-oriġini,

b) din l-esperjenza nkisbet fil-kuntest tat-twettiq ta' din l-istess professjoni li l-persuna kkonċernata applikat għaliha taħt id-Direttiva 89/48 [...] (ara l-frażijiet 'the profession concerned', 'la profession concernée', 'des betreffenden Berufs' użati rispettivament fil-verżjonijiet Ingliżi, Franċizi u Ġermaniżi [tal-imsemmija] direttiva) u

ċ) l-imsemmija attività professjonali twettqet legalment, jiġifieri li r-rekwiżiti u l-kundizzjonijiet tal-leġiżlazzjoni rilevanti tal-Istat Membru fejn twettqet ġew osservati, b'tali mod li huwa eskluż li tittieħed inkunsiderazzjoni l-esperjenza miksuba f'din il-professjoni speċifika fl-Istat Membru ospitanti qabel ma

l-applikazjoni tkun intlaqgħet, minħabba li, fl-Istat Membru ospitanti, il-professjoni inkwistjoni ma tistax titwettaq legalment qabel ma tintlaqa' l-applikazzjoni (naturalment bla ħsara għall-Artikolu 5 tad-direttiva li jippermetti, taħt ċerti kundizzjonijiet — bil-għan li jsir taħriġ professjonali li ma jkunx sar fl-Istat Membru tal-oriġini — li titwettaq professjoni fl-Istat Membru ospitanti bl-għajnuna ta' membru kkwalifikat tal-professjoni)?"

55 Permezz tad-digriet tal-President tal-Qorti tal-Ġustizzja, tat-3 ta' Frar 2009, il-Kawżi C-422/09, C-425/09 u C-426/09 ġew magħquda flimkien għall-finijiet tal-proċedura bil-miktub u orali, kif ukoll tas-sentenza.

**Fuq id-domandi preliminari**

56 Mill-proċessi mibgħuta lill-Qorti tal-Ġustizzja jirriżulta li kull wieħed mit-tliet rikorrenti fil-kawżi prinċipali jixtieq jipprattika professjoni rregolata fil-Greċja abbażi tal-awtorizzazzjoni sabiex tiġi pprattikata professjoni rregolata korrispondenti fi Stat Membru ieħor. Fil-każ ta' kull wieħed minn dawn ir-rikorrenti, is-Saeitte kkonstata differenzi sostanzjali bejn it-taħriġ miksub mir-rikorrenti fil-kawżi prinċipali u dak normalment mogħti sabiex jiġu pprattikati l-professjonijiet korrispondenti fil-Greċja u, konsegwentement, din l-awtorità qieset neċessarju li timponi miżuri ta' kumpens, kif jipprovdi l-Artikolu 4 tad-Direttiva 89/48.

57 Meta kien qiegħed jiddetermina l-portata ta' dawn il-miżuri ta' kumpens, is-Saeitte qies li l-esperjenza prattika miksuba mir-rikorrenti fil-kawżi prinċipali ma setgħatx tittieħed inkunsiderazzjoni, u dan mingħajr ma eżamina jekk din l-esperjenża setgħetx tkopri, kompletament jew parzjalment, l-imsemmija differenzi sostanzjali bejn it-taħriġ.

58 Permezz tad-domandi preliminari tagħha, li hemm bżonn li jiġu eżaminati flimkien, il-qorti tar-rinviju essenzjalment tistaqsi sa fejn awtorità nazzjonali inkarigata bir-rikonoxximent tal-kwalifiki professjonali miksuba fi Stati Membri oħrajn, għandha tieħu inkunsiderazzjoni, meta tistabbilixxi l-miżuri ta' kumpensaddizzjonali possibbli intiżi sabiex ipattu għad-differenzi sostanzjali bejn it-taħriġ imwettaq minn applikant u t-taħriġ meħtieġ fl-Istat Membru ospitanti, esperjenza prattika li tista' tkopri, kompletament jew parzjalment, l-imsemmija differenzi.

59 F'dan ir-rigward, l-ewwel nett għandu jiġi kkonstatat li l-esperjenza prattika miskuba mir-rikorrenti fil-kawżi prinċipali mix-xogħol tagħhom ma tistax, skont l-informazzjoni pprovduta lill-Qorti tal-Ġustizzja, tikkostitwixxi "esperjenza professjonali" fis-sens tal-Artikolu 1(e) tad-Direttiva 89/48.

60 Fil-fatt, din l-espressjoni hija intiża, kif jirriżulta mid-definizzjoni ta' din id-dispożizzjoni, moqrija flimkien mal-Artikolu 1(a), (ċ) u (d) tal-istess direttiva, il-prattika ta' attivitajiet professjonali rregolati li l-aċċess għalihom jew il-prattika tagħhom huwa normalment suġġett, permezz ta' liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi, għall-pussess ta' "diploma" fis-sens tal-imsemmi Artikolu 1(a).

61 Issa, l-esperjenza miksuba mir-rikorrenti fil-kawżi prinċipali qabel ma kisbu diploma li tagħtihom id-dritt li jipprattikaw il-professjoni inkwistjoni fi Stat Membru ma tistax tinkludi l-prattika ta' tali attivitajiet professjonali rregolati. Dan huwa b'mod partikolari, il-każ tal-esperjenza miskuba minn V.S. Vandorou fi ħdan Elf Oil u Pricewaterhouse Coopers qabel ma saret membru tal-ACCA kif ukoll ta' dik miksuba minn V.A. Giankoulis fi ħdan Elliniki Viomichania Alouminiou qabel ma sar membru tal-Istitut tal-Inġinieri tal-Mekkanika tar-Renju Unit.

62 Barra minn hekk, lanqas ma jista', bħala prinċipju, jitqies bħala prattika ta' attivitajiet professjonali rregolati, anki wara l-kisba ta' diploma li tagħti d-dritt li tiġi pprattikata l-professjoni inkwistjoni fi Stat Membru, xogħol imwettaq fi Stat Membru fejn l-awtorizzazzjoni sabiex tiġi pprattikata din il-professjoni tkun għadha ma nkisbitx.

63 Għaldaqstant, l-esperjenza miksuba minn V. S. Vandorou fi ħdan Pricewaterhouse Coopers, wara li kisbet l-istatus ta' membru tal-ACCA, billi ħadmet fil-Greċja, ma tistax tiġi kklassifikata bħala "esperjenza professjonali" fis-sens tal-Artikolu 1(e) tad-Direttiva 89/48. L-istess japplika għal dak li jikkonċerna l-esperjenza miksuba minn V. A. Giankoulis fi ħdan Elliniki Viomichania Alouminiou, wara li sar membru tal-Istitut tal-Inġiniera tal-Mekkanika tar-Renju Unit u l-esperjenza miksuba minn I. G. Askoxilakis mill-ITR.

64 Konsegwentement, l-ebda obbligu li tittieħed inkunsiderazzjoni esperjenza prattika, bħal dik tar-rikorrenti fil-kawżi prinċipali, li ma tikkostitwixxix "esperjenza professjonali" fis-sens tal-Artikolu 1(e) tad-Direttiva 89/48, ma jirriżulta mit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 4(1)(b) ta' din id-direttiva.

65 Madankollu, għandu jiġi enfasizzat li l-miżuri meħuda skont id-dritt tal-Unjoni għandhom jikkonformaw mal-prinċipji ġenerali ta' dan id-dritt, b'mod partikolari mal-prinċipju ta' proporzjonalità. F'dan ir-rigward, mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja jirriżulta li l-portata tal-Artikolu 4 tad-Direttiva 89/48, li jawtorizza espressament miżuri ta' kumpens, għandha tiġi limitata għall-każijiet fejn dawn ikunu proporzjonati għall-għan li jrid jintlaħaq (ara s-sentenzi tad-19 ta' Jannar 2006, Colegio, C-330/03, Ġabra p. I-801, punt 24, u tas-17 ta' April 2008, Van Leuken, C-197/06, Ġabra p. I-2627, punt 39).

66 Barra minn hekk, kif il-Qorti tal-Ġustizzja diġà ppreċiżat, l-eżerċizzju effettiv tal-libertajiet fundamentali ggarantiti mill-Artikoli 39 KE u 43 KE jista' jixxekkel mingħajr ebda ġustifikazzjoni jekk l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti inkarigati bir-rikonoxximent tat-titoli professjonali miksuba fi Stat Membru ieħor jinjoraw il-konoxxenzi u l-kwalifiki rilevanti li jkunu diġà inkisbu minn applikant li jkun jixtieq li jipprattika, fit-territorju nazzjonali, professjoni li l-aċċess għaliha huwa, skont leġiżlazzjoni nazzjonali, suġġett għall-pussess ta' diploma jew kwalifika professjonali (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tas-7 ta' Mejju 1991, Vlassopoulou, C-340/89, Ġabra p. I-2357, punt 15, u tat-8 ta' Lulju 1999, Fernández de Bobadilla, C-234/97, Ġabra p. I-4773, punt 33).

67 Qabel ma jimponu miżuri ta' kumpens intiżi sabiex ikopru d-differenzi eżistenti bejn it-taħriġ mogħti fl-Istat Membru tal-oriġini u dawk mogħtija fl-Istat Membru ospitanti tal-applikant, l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti għandhom konsegwentement l-obbligu li jevalwaw jekk il-konoxxenzi miksuba mill-applikant, inklużi l-konoxxenzi miksuba fl-Istat Membru ospitanti, fil-kuntest ta' esperjenza prattika, jistgħux iservu sabiex jiġi stabbilit il-pussess tal-konoxxenzi meħtieġa minn dan tal-aħħar (ara, f'dan is-sens, is-sentenza Vlassopoulou, iċċitata iktar 'il fuq, punt 20; Fernández de Bobadilla, C-234/97, iċċitata iktar 'il fuq, punt 33; tat-13 ta' Novembru 2003, Morgenbesser, C-313/01, Ġabra p. I-13467, punt 62, u tal-10 ta' Diċembru 2009, Peśla, C-345/08, Ġabra p. I-11677, punt 41).

68 Huwa minnu li l-esperjenza miksuba matul il-prattika tal-professjoni rregolata inkwistjoni fl-Istat Membru tal-oriġini hija, ħafna drabi, l-iktar waħda rilevanti fil-kuntest ta' din l-evalwazzjoni, u dan jiġġustifika bis-sħiħ l-impożizzjoni b'mod espress tal-obbligu, li jinsab fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 4(1)(b) tad-Direttiva 89/48, għall-awtorità kompetenti ta' Stat Membru ospitanti, li jieħdu inkunsiderazzjoni tali esperjenza.

69 Madankollu, sa fejn kull esperjenza prattika fl-eżerċizzju ta' attivatijiet konnessi tista' żżid il-konoxxenzi ta' applikant, hija l-awtorità kompetenti li għandha l-obbligu tieħu inkunsiderazzjoni kull esperjenza prattika utli għall-prattika tal-professjoni li

għaliha jintalab l-aċċess. Il-valur preċiż li jrid jingħata lil din l-esperjenza għandu jiġi ddeterminat mill-awtorità kompetenti fid-dawl tal-funzjonijiet speċifiċi eżerċitati, tal-konoxxenzi miksuba u applikati fl-eżerċizzju ta' dawn il-funzjonijiet, kif ukoll tar-responsabbiltajiet mogħtija u l-grad ta' indipendenza mogħti lill-persuna kkonċernata inkwistjoni.

70 F'dan il-kuntest għandu jiġi rrilevat li, ħafna drabi, l-eżerċizzju ta' attivitajiet li huma relatati ma' professjoni rregolata taħt il-kontroll u r-responsabbiltà ta' professjonist ikkwalifikat kif xieraq fl-Istat Membru ospitanti, filwaqt li fih innifsu ma jikkostitwixxix il-prattika tal-professjoni rregolata inkwistjoni fl-imsemmi Stat Membru, jagħti lill-persuna kkonċernata konoxxenzi rilevanti ta' valur ċert. Għalkemm, bħalma ssostni wkoll il-Kummissjoni Ewropea, esperjenza legali u esperjenza illegali ma jistgħux jitpoġġew fuq l-istess livell, xorta jibqa' l-fatt li, għall-kuntrarju tal-biża' li esprima l-Gvern Grieg matul is-seduta, il-prattika ta' attività professjonali sorveljata b'tali mod ma tistax, barra minn hekk, titqies bħala illegali peress li l-persuna kkonċernata ma tipprattikax hija stess il-professjoni rregolata taħt tali kundizzjonijiet.

71 Għandu jingħad ukoll li l-obbligu li tittieħed inkunsiderazzjoni l-esperjenza kollha rilevanti tal-applikant ma jieqafx jeżisti bħala riżultat tal-adozzjoni ta' direttivi relatati mar-rikonoxximent reċiproku ta' diplomi (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tal-14 ta' Settembru 2000, Hocsman, C-238/98, Ġabra p. I-6623, punti 23 u 31; tas-16 ta' Mejju 2002, Il-Kummissjoni vs Spanja, C-232/99, Ġabra p. I-4235, punt 22, kif ukoll Morgenbesser, iċċitata iktar 'il fuq, punt 58).

72 Fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet kollha, ir-risposti għad-domandi magħmula għandha tkun li awtorità nazzjonali inkarigata bir-rikonoxximent tal-kwalifiki professjonali miksuba fi Stat Membru ieħor għandha l-obbligu, skont l-Artikoli 39 KE u 43 KE, li tieħu inkunsiderazzjoni, meta tistabbilixxi miżuri ta' kumpens possibbli intiżi sabiex ipattu għad-differenzi sostanzjali bejn it-taħriġ imwettaq minn applikant

u t-taħriġ meħtieġ fl-Istat Membru ospitanti, kull esperjenza prattika li tista' tkopri, kompletament jew parzjalment, l-imsemmija diffrenzi.

**Fuq l-ispejjeż**

73 Peress li l-proċedura għandha, fir-rigward tal-partijiet fil-kawża prinċipali, in-natura ta' kwistjoni mqajma quddiem il-qorti tar-rinviju, hija din il-qorti li tiddeċiedi fuq l-ispejjeż. L-ispejjeż sostnuti għas-sottomissjoni tal-osservazzjonijiet lill-Qorti tal-Ġustizzja, barra dawk tal-imsemmija partijiet, ma jistgħux jitħallsu lura.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tmien Awla) taqta' u tiddeċiedi:

**Awtorità nazzjonali inkarigata bir-rikonoxximent tal-kwalifiki professjonali miksuba fi Stat Membru ieħor għandha l-obbligu, skont l-Artikoli 39 KE u 43 KE, li tieħu inkunsiderazzjoni, meta tistabbilixxi miżuri ta' kumpens possibbli, intiżi sabiex ipattu għad-differenzi sostanzjali bejn it-taħriġ imwettaq minn applikant u t-taħriġ meħtieġ fl-Istat Membru ospitanti, kull esperjenza prattika li tista' tkopri, kompletament jew parzjalment, l-imsemmija differenzi.**

Firem